# DUN KARM: IL-LEĦEN POETIKU TA' NAZZJON

**Oliver Friggieri**

### IT-TNISSIL TA' KUXJENZA NAZZJONALI

Wieħed mill-persunaġġi Maltin li ħadu xejra nazzjonali u li llum jiġbru fihom il-qofol l-aktar magħruf u tipiku tal-gżira huwa Dun Karm Psaila (1871-1961), il-poeta nazzjonali, magħruf bħala Dun Karm, isem li sa minn kmieni kien biżżejjed biex jagħżlu minn kulħadd bħala "il-poeta Malti". Maż-żmien il-lirika tiegħu bdiet tikseb dejjem aktar it-tifsira vera tagħha: dokument siewi ta' identità ta' pajjiż li minn ftit żmien qabel kien beda jiskopri x-xejriet tiegħu biex jasal għal definizzjoni etnika, kulturali u politika tiegħu nnifsu.

Iż-żmien li għex fih il-poeta hu mżewwaq ġmielu bl-isforzi kbar li riedu jwasslu lill-kolonja għall-emanċipazzjoni kostituzzjonali tagħha. L-għarfien ta' l-identità kien il-prinċipju ewlieni tal-moviment romantiku Ewropew. Bis-saħħa tal-preżenza kontinwa tal-kultura Taljana bħala l-kultura mirquma tal-Maltin, l-intellettwali Maltin kienu f'qagħda mhux biss li jidentifikaw il-progress tal-kultura Taljana mal-progress possibbli ta' gżirithom ukoll, iżda wkoll li jieħdu minnha t-tagħlimiet meħtieġa f'qagħda politika li għal żmien twil dehret, ftit jew wisq, analoga għal ta' l-Italja. Il-paralleliżmu bejn il-glieda tat-Taljani għall-ħelsien ta' pajjiżhom u l-ħtieġa ta' glieda bħalha mill-Maltin għall-ħelsien ta' Malta beda jidher l-iżjed bis-saħħa tal-ħidma politika, letterarja u ġurnalistika ta' għadd kbir ta' eżiljati Taljani li taw sehemhom fil-programm risorġimentali billi sabu l-għajnuna li offritilhom Malta. Il-kuxjenza ribelli xterdet, ingħaqdet mas-sens eqdem ta' nuqqas ta' sodisfazzjon li kien beda jinħass minn żmien qabel, u qajl qajl tbiddlet fi programm politiku-kulturali li jista' jingabar fil-mistoqsija: aħna min aħna, bħala Maltin? Hi l-qalba tal-kwistjoni tal-lingwa u taċ-ċaqliqiet politiċi kollha li riedu jaslu għall-wetqa ta' individwalità Maltija fid-dawl tal-wirt tradizzjonali.

Vassalli (1764-1829) kien tkellem diġà fl-1796 dwar il-ħtieġa soċjali u kulturali li l-"lingwa nazionale" tkun ikkultivata u mrawma bil-għaqal biex jinħoloq minnha mezz mirqum u fejjiedi għall-edukazzjoni tal-poplu u biex titrabba u tikber letteratura bil-Malti. Vassalli ħa l-edukazzjoni tiegħu f'Ruma fejn xandar uħud mill-kitbiet tiegħu,[1] u kellu

1. Cfr. N. Cremona, *Mikiel Anton Vassalli u żminijietu*, (2 ed., Malta, Klabb Kotba Maltin, 1975), pp. 3-4 u *passim*.

fehmiet liberali, mibnija fuq il-ħtieġa tal-parteċipazzjoni popolari fil-kultura u fit-tixrid demokratiku ta' l-għerf. L-ispirtu illuministiku tiegħu ġiegħlu jaħtar importanza partikulari lill-funzjoni ta' l-ilsien tal-gżira: "In un secolo in cui le arti e le scienze han fatto progressi si' grandi ed ammirabili, che quasi non restano fra di esse più dipartimenti da illustrare, pareva che non si dovesse tralasciare incolto, senza dissotterrarlo dall'oblivione, uno de' più antichi monumenti, qual è la lingua maltese."[2]

It-tbexbix ta' qawmien nazzjonali, sa żmien Vassalli, kien għadu aktarx lingwistiku u kulturali. Ir-romantiċiżmu, wara kollox, hu moviment li ried iwaħħad l-impenn politiku ma' l-impenn kulturali, l-aktar letterarju, u fil-mixja lejn il-għarfien ta' identità — persunali u kollettiva — il-ħsieb romantiku ta fejda ċentrali lil-lingwa tal-post. Iżjed 'il quddiem dehret ukoll il-parti l-oħra, li kien jonqos, ta' dan il-programm doppju, il-parti politika. Ġorġ Mitrovich kiteb dan il-messaġġ nazzjonali fl-1835: "Il tempo della persecuzione è passato. Levate dalla vostra mente ogni minima ombra di timore, perchè si tratta di ricorrere ad un'assemblea di un popolo libero, che vi da' piena facoltà di parlare apertamente, domandare e ripetere. Ora è il momento, miei cari fratelli, e non dovete perderlo... Siate certi che verrà un giorno che il popolo maltese sarà reso felice, sarà liberato dalla sua schiavitù, ben trattato e accarezzato."[3]

Il-kuntest li daħal fih Dun Karm kien mimli biż-żerriegħa tal-qawmien tal-Maltin li, wara ġrajja twila ta' ħakma kolonjali li spiċċat biex fl-istess ħin għakksithom u tathom l-identità kumplessa tagħhom, issa ntebħu bi triq ġdida ta' għarfien tar-ruħ lokali lil hinn minn dawn il-punti ta' riferiment. Ir-rabtiet baqgħu, u jibqgħu, iżda għallinqas il-kuxjenza kienet kburija u l-pjan imfassal ried jasal għas-sedqa tas-setgħat Maltin fuq il-livelli msemmija. Hi sewwa sew din il-kuxjenza storika, miżrugħa fil-ħamrija ta' wirt qadim iżda ħerqana li tifhem il-preżent u tfantas ġejjieni differenti, li tagħti ruħ lill-aħjar waqtiet poetiċi ta' Dun Karm.

### IL-LEHMA NAZZJONALI

Bħal kull romantiku ieħor, Dun Karm fehem il-poeżija fl-aspett storiku tagħha, fid-dawl tal-qagħda li tnissilha. L-awtobijografija hi mqassma fi tnejn: nazzjonali u persunali. Waqt li, fuq naħa, fil-poeta hemm il-bini ta' verżjoni fantastika tat-tiġrib privat tiegħu (li mid-dokument igħaddi għax-xbiha, billi l-fatt isir metafora), hemm ukoll fih is-sublimazzjoni ta' sensiela ta' ġrajjiet tal-kotra kollha. Iż-żjara "lejn" l-imbiegħed hi żjara wkoll fl-imgħoddi; m'hix ħarba iżda pellegrinaġġ devot

---

2. "Discorso Preliminare," *Ktieb il-Kliem Malti,* (Roma, A. Fulgonio, 1796), p. VII.
3. *Indirizzo ai maltesi da parte del loro amico,* (Londra, Mills e figlio, 1835), pp. 14-15.

lejn żminijiet imgħoddija li fid-dinja maħluqa mill-awtur jitbiddlu f'xenarju mlewwen iffullat minn eroj magħrufa u bla isem, aġenti ta' ġabra ta' egħmejjel kbar li jixirqilhom l-apprezzament tan-nies ta' żmien il-poeta. L-imgħoddi hu maħruġ 'il barra mis-santwarju tal-mewt u mogħti n-nifs ta' ħajja ġdida — dokumentata u mistħajla — li tgħodd għall-qagħda storika tal-preżent. M'hux vjaġġ nostalġiku, iżda mixja fiż-żmien li mill-imġarrab jintuwixxi x'għandu jiġġarrab.

Poetikament Dun Karm għamel din il-wirja panoramika billi pinġa bil-ħila ta' mgħallem persuni, qagħdiet, drawwiet, pajsaġġi, ambjenti, ġrajjiet u l-bqija, ilkoll elementi li jsawru definizzjoni ta' Malta. Aktarx li ħadd aktar minnu ma rnexxielu jagħti d-dehra sħiħa ta' nazzjon skond ix-xejriet magħrufa li jsawru definizzjoni ta' pajjiż. Imrawwem kif kien fil-kultura ta' żmienu, li tħaddan ukoll il-filosofija tan-nazzjon, id-definizzjoni ta' identità territorjali, Dun Karm wassal lix-xbiha ta' Malta fejn wassluha l-aqwa ilħna tar-romantiċiżmu patrijottiku Ewropew.

**IL-POEŻIJA TAL-KRIŻI**

Minbarra t-titwila 'l barra bis-saħħa ta' titwila lejn l-imgħoddi fid-dawl tal-qagħda preżenti, Dun Karm ta wkoll it-titwila tiegħu 'l ġewwa, lejn l-egħluq tal-kuxjenza privata. Hawn tidħol it-taħdita ħerqana, ħienja-mnikkta tiegħu, mal-poeta li ġiegħlu jirrifletti l-iżjed, Ugo Foscolo, l-awtur ta' *I Sepolcri*, il-persunalità mimlija kuntrasti li għall-poeta Malti fissret sfida kemm lingwistika-letterarja (jiġifieri l-qlib għall-Malti tal-poema, *L-Oqbra*), kif ukoll filosofika (jiġifieri l-kitba ta' *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* bħala tweġiba).

Kontra l-wetqa ta' l-immortalità storika bħala l-ħajja waħdanija merfugħa għall-bniedem ħerqan li ma jmutx, Dun Karm ma setax ikun oriġinali billi jippreżenta l-verżjoni persunali tiegħu. Bħala Kattoliku, il-poeta kellu jirrikorri lejn l-għarfien teoloġiku u jilqgħu; bħala poeta kellu jfittex li jsarraf il-kontenut ta' twemmin f'damma ta' dehriet, jew aħjar xbihat poetiċi. Il-poema tiegħu, fil-fatt, tpinġi l-fidi, tagħti xeħta empirika lit-twemmin, tbiddel f'qagħda 'komuni' lid-destin dejjiem tal-bniedem. Il-poeżija tan-natura, it-teoloġija tal-ħolqien, il-filosofija bħala tfixkil u fl-istess ħin bħala għajnuna biex jintlaħaq l-aħħar stadju tal-mixja twila — is-skiet tal-moħħ: dawn u bosta elementi oħra ta' xeħta letterarja u kulturali (l-aktar biblika) jsawru nisġa għanja li turi lill-poeta f'wieħed mill-aqwa waqtiet tiegħu, u żgur fil-waqt l-iżjed diffiċli ta' l-isfida poetika bħala sfida letterarja, formali.

Minbarra t-tematika tal-mewt u l-ħerqa tal-bniedem għall-immortalità, il-lirika tal-kriżi tħaddan xejriet oħrajn, ilkoll mibnijin fuq it-tiġrib tal-poeta bħala ruħ solitarja u mogħtija għar-riflessjoni. Il-kumpless tat-tfulija, il-preżenza dejjiema ta' l-omm bħala mara u bħala setgħa, id-damma ta' tifkiriet imbiegħda li jsieħbu flimkien lill-ħajja familjari, lill-ħajja raħlija tal-ġemgħa ta' madwaru, u lill-ħajja ġenerali tal-gżira:

dawn huma wħud mill-ispunti li minnhom titnissel il-poeżija tan-nostalġija, id-dokument tat-tbatija "żgħira" mbiddla fi kwadru ta' umanità li qiegħda tbati.

### MIXJA KRONOLOĠIKA MAL-POEŻIJI BIL-MALTI

L-ewwel versi magħrufa tal-poeta huma *La Dignità Episcopale*, innu li jiċċelebra b'ħila teknika lit-temi ewlenin tal-Knisja Kattolika ta' żmienu.[4] Hi poeżija tal-letteratura, aktar milli tal-ħeħma, u hi mibnija fuq il-bravura tal-kelma u mhux fuq il-ħerqa tat-tiġrib imbiddel fi kliem. Maż-żmien daħal il-kontenut uman, u l-poeta beda jsir tassew l-artist li jħaddem il-ħila formali biex jagħti sura lill-wirt ta' ħajtu. Ħarsa ġenerali lejn l-iżvilupp kronoloġiku tal-kitba poetika tiegħu bil-Malti tista' tixħet dawl fuq kif immaturat il-ħeħma fih, liema huma t-temi li telgħu fil-wiċċ fi żmien u għebu f'ieħor, liema hu l-aħjar perijodu, u x'inhi x-xeħta l-iżjed tipika tiegħu li baqgħet, ftit jew wisq, isserrep matul iż-żminijiet kollha tal-ħajja poetika twila tiegħu. Flimkien mal-poeżija bil-Malti wieħed irid idaħħal ukoll il-kitba bit-Taljan li, minħabba li tiftaħ ħafna qabel l-1912 (meta beda jikteb bil-Malti) u tissokta ħafna wara, tista' tagħti kwadru sħiħ ta' persunalità waħda.[5]

Fl-ewwel perijodu tal-ħajja poetika Maltija ta' Dun Karm jitilgħu fil-wiċċ il-preokkupazzjonijiet tiegħu bħala bniedem solitarju, mogħti għar-riflessjoni aktar fuqu nnifsu milli fuq il-problema eżistenzjali fiha nnifisha. Min-naħa l-oħra jinħass l-iżvolġiment tat-tematika nazzjonali-pajsaġġistika, bħallikieku mit-tħassib fuq is-suġġett il-poeta jgħaddi biex jiċċelebra l-oġġett, mifhum bħala ħaġa etnika. Din hi, ftit jew wisq, id-dinja bikrija ta' bejn l-1912 u l-aħħar snin ta' l-għoxrinijiet: *Mingħajr Omm* (1912), *Id-Dar* (1912), *It-Tbaħħir* (1912), *Inti ma Tarġax* (1912), *Waħdi* (1914), *Lill-Kanarin Tiegħi* (1915) u min-naħa l-oħra *In-Nissieġa* (1913), *Lid-Dielja* (1913), *Il-Għodwa* (1914), *Ġunju* (1914), *It-Tifla tar-Raba'* (1915), *Il-Musbieħ tal-Mużew* (1920), *Lill-Mitħna tar-Riħ* (1922), *Għanja ta' Malti fl-Amerka* (1923), *Xenqet ir-Raba'* (1926), *Il-Għanja tar-Rebħa* (1927).

Is-snin tletin, l-aħjar perijodu tal-poeta meta l-problema tas-solitudni persunali waslet b'maturità biex titbiddel fi xbiha tal-qagħda umana kollha (xhieda li mill-istħarriġ tad-djarju l-poeta kien isseddaq biż-żejjed biex jasal qajl qajl għall-interpretazzjoni universali ta' l-istess kriżi), huma żmien il-qofol tar-riflessjoni Foscoljana tiegħu mibdija snin

---

4. Din il-poeżija ewlenija hi mxandra fil-ktejjeb *A Mons. Pietro Pace nel suo trionfale ingresso — il Seminario*, (Tipografia Industriale G. Muscat, Malta, 1889), pp. 25-27. Kopja rari ħafna tinsab fil-Bibljoteka ta' l-Università ta' Malta, Melitensia, "Miscellanea opere italiane e latine", vol. IX, no. 23.
5. Għal lista tal-poeżiji Taljani ta' Dun Karm cfr. O. Friggieri, *Il-Kultura Taljana f'Dun Karm*, (Malta, Klabb Kotba Maltin, 1976), pp. 171-178.

qabel u mwettqa bit-traduzzjoni (1936). It-tematika ta' l-eroj immortali (il-fil nazzjonalistiku ta' *I Sepolcri*) setgħet titħallat mat-tematika tal-ħerqa tal-bniedem biex jegħleb il-kundanna tal-mewt (il-fil eżistenzjali tal-poema). Waqt li dawn il-motivi huma żviluppati skond ruħ nisranija f'*Il-Jien u lil hinn Minnu* (1938), waqtiet poetiċi oħrajn juru meditazzjoni waħda u twila fuq dik li issa tista' tissejjaħ l-ossessjoni ewlenija, maqsuma f'żewġ fergħat, ta' Dun Karm: fuq naħa, it-theddida tal-qerda umana u t-tiftixa ta' rebħa nisranija fuqha, u fuq in-naħa l-oħra, is-sejba ta' l-immortalità fl-istorja, fil-mit nazzjonali, fl-epika ta' poplu mifdi. Hawn jidħlu *Fil-Katakombi — I* (1927), *Naf u Nemmen* (1933), *Żagħżugħ ta' Dejjem* (1933), *Wied Qirda* (1933), *Il-Ġerrejja u Jien* (1933), *Fil-Katakombi — II* (1934), *Lil Ġannina Pisani — I* (1937), bħala dokumenti ewlenin tax-xejra problematika tal-meditazzjoni. Ix-xejra l-oħra, il-ħerqa biex tinkiseb l-immortalità fil-ġrajja nazzjonali, hi l-qofol ta' *Għal Dun Mikiel Xerri* (1933), *Lil Mikiel Anton Vassalli* (1933), *Dehra tat-VIII ta' Settembru 1565* (1935).

Mill-poeżija, bejn intima u bejn nazzjonali, tal-gwerra dinjija — hi wkoll imħaxkna bejn l-epika (*E-Boats*, 1914) u l-eleġija (*Illum*, 1941) — Dun Karm għadda għal-lirika tal-kalma, tal-mistrieħ kważi aljenat u mimli sabar wara l-ħidma mħassba ta' qabel. Hi l-poeżija aħħarija tar-rieda tajba, fejn tixref sikwit il-ħila tal-letterat u mhux is-setgħa ħal-lieqa ta' l-artist. Xi drabi bit-tkomplija tad-djalogu hieni-mnikket man-natura, u drabi oħra bir-ritorn lejn il-poeżija awgurali (ħjiel ta' nostalġija letterarja għan-neoklassiċiżmu formali tal-perijodu bikri tal-kitba bit-Taljan), dan iż-żmien aħħari mifrux bejn wara l-gwerra u nofs is-snin ħamsin hu l-egħluq ta' poeta li issa seta' jħares lejn is-snin għaxra, għax rin u tletin tas-seklu bħala l-mument tal-maturazzjoni tiegħu meta kemm is-solitudni (fiżika u psikoloġika) u kemm il-ħerqa nazzjonalistika u reliġjuża sabu s-siegħa xierqa biex jitbiddlu f'figurazzjoni estetika.

Mill-bqija, il-poeta li ried ikun demokratiku u fidil lejn ix-xejriet popolari hu dak li għandu jitfittex fil-ħażna ta' innijiet u għanjiet awgurali ċivili u reliġjużi. Il-kant popolari hu aspett ewlieni ieħor ta' l-esperjenza romantika Ewropea. Lil hinn minn dawn l-intervalli ta' importanza iżgħar, tibqa' l-figura tal-poeta li beda bid-djarju persunali mbiddel fi kriżi ta' l-individwu, għadda biex sieħeb il-kriżi individwali (issa mogħtija l-medda ta' problema universali) mar-rebħa nisranija u mal-mit nazzjonali, u waqt li ssokta t-taħdita ħerqana man-natura għalaq l-avventura poetika kollha bil-versi tan-nuqqas ta' impenn, ta' l-għeja spiritwali u teknika.

It-tliet iżmna ewlenin (mill-bidu fl-1912 sa madwar l-egħluq tas-snin għoxrin; is-snin tletin; is-snin erbgħin u l-ewwel ftit snin tal-ħamsinijiet) iridu jitqiesu wkoll fid-dawl tal-kitba bit-Taljan, mibdija fl-1889 u ssoktata għal snin twal wara l-1912. Id-dehra sħiħa tibqa' ta' bniedem marbut mill-qrib mal-kelma poetika, magħluq fid-dinja tal-meditazzjoni

mistika-eżistenzjali u miftuħ beraħ biex iġarrab id-dinja oġġettiva bis-senswalità mixtieqa-mistmerra tagħha. Il-poeta tal-kriżi ta' l-għixien, tat-talba teoloġika, taċ-ċelebrazzjoni patrijottika hu wkoll l-artist raħli li fisser sa minn kmieni u bi kburija t-tifsira tad-demokratiżmu romantiku billi, fost ħwejjeġ oħra, għanna l-ħidma tal-ħaddiema l-iżjed importanti ta' Malta ta' żmienu. It-taħdita profonda tar-ruħ tiegħu tibqa', mela, bejn is-suġġett privat (il-qassis, il-ħassieb) u s-suġġett pubbliku (il-profeta nazzjonali, is-soċjologu). Bħal fil-persunalità paradossali ta' kull artist, l-iżjed romantiku, is-sintesi (i.e. il-punt tar-rebħa fuq id-djalettika ġewwiena) aktarx li ma tinstabx.

### IX-XBIHA TA' L-OMM

Minkejja ż-żewġ naħiet imbiegħda minn xulxin tal-persunalità tiegħu, hemm punt ċentrali li jiltaqgħu fi ħdanu kemm il-poeta tat-tiġrib persunali u kemm il-poeta tat-tiġrib nazzjonali. Il-lirika tat-tbatija eżistenzjali u l-lirika tal-gżira mifhuma bħala nazzjon jissieħbu flimkien bis-saħħa ta' xbiha ewlenija li hi l-istess għat-tnejn: l-omm. Meta l-poeta jitkellem fuq il-*jien* (in-nebha suġġettiva) u meta jitkellem fuq l-*aħna* (in-nebha oġġettiva), jasal dejjem biex iqiegħed kollox madwar id-dehra materna.

L-omm tal-ħajja privata (ommu, imbiddla mbagħad fi xbiha tar-rabta bejn iż-żmien u l-eternità, l-art u s-sema, id-dubju u ċ-ċertezza), u l-omm tal-ħajja komunitarja (Malta bħala l-omm taċ-ċittadini li jsawru nazzjon) għandhom bosta xejriet li jixxiebhu; huma mnisslin minn qagħda spiritwali waħda, jidhru bħala varjanti ta' mara waħda, anzi ta' l-istess idea tal-mara. Bħala eżempju ta' dan jistgħu jitqabblu ma' xulxin is-siltiet l-iżjed karatteristiċi li jiddeskrivu lill-waħda u lill-oħra biex jinstabu fihom l-elementi li fil-fatt isawru kwadru wieħed.

L-istħarriġ ta' din il-figura m'huwiex importanti biss bħala orjentament ieħor fl-istudji dwaru. Hu meħtieġ skond kemm hi ta' fejda s-sejba ta' punt ċentrali fil-kitba kotrana ta' poeta. Fi ħdan l-ispazju li jifred lill-poeżija ta' l-eżistenza mill-poeżija tan-nazzjon jixref l-influss ta' din il-mara storika-ideali li tressaq lejn xulxin liż-żewġ dimensjonijiet, it-tnejn espressjoni ta' poeta raġel f'relazzjoni ma' figura li daqskemm hi vera hi wkoll mistħajla, fantażma perfetta li l-poeta għex "magħha" biex tnebbaħ minnha.

---

DR. OLIVER FRIGGIERI is the author of various books published in Malta and abroad.